

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 923/2007

ta' l-1 ta' Awwissu 2007

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1623/2000 f'dak li għandu x'jaqsam ma' ċerti skadenzi għad-distillazzjoni tal-prodotti li jirriżultaw mill-għasir ta' l-inbid**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid <sup>(1)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 33 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikoli 45, 59 u 61 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1623/2000 tal-25 ta' Lulju 2000 li jstabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid fir-rigward tal-mekkaniżmi tas-suq <sup>(2)</sup>, jstipula ċerti dati għad-distillazzjoni tal-prodotti li jirriżultaw mill-għasir ta' l-inbid. Minħabba n-nuqqas ta' distilleriji f'ċerti Stati Membri, jeżistu diffikultajiet materjali għal dawn l-Istati Membri biex id-distillazzjoni ssir fl-iskadenzi previsti. Jeħtieġ għalhekk li dawn id-dati msemmija jiġu posposti.
- (2) Peress li t-terminu previst bil-leġiżlazzjoni preżenti biex il-prodotti riżultanti mill-għasir ta' l-inbid jinġarru fid-distilleriji jiskadi fil-15 ta' Lulju tas-sena ta' l-inbid kurrenti, jeħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-15 ta' Lulju 2007.
- (3) Il-miżuri f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ġestjoni ta' l-Inbid,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 1623/2000 qed jiġi emendat kif ġej:

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 1 ta' Awwissu 2007.

- 1) Ir-raba' subparagrafu ta' l-Artikolu 45(1) għandu jinbidel bit-test li ġej:

“B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għas-snin ta' l-inbid 2004/2005, 2005/2006 u 2006/2007, id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu hija posposta għall-31 ta' Awwissu tas-sena ta' l-inbid sussegwenti.”

- 2) It-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 59, għandu jinbidel bit-test li ġej:

“B'deroga mill-ewwel subparagrafu, għas-snin ta' l-inbid 2004/2005, 2005/2006 u 2006/2007, id-data msemmija fl-ewwel subparagrafu hija posposta għall-15 ta' Settembru tas-sena ta' l-inbid sussegwenti.”

- 3) It-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 61(3), għandu jinbidel bit-test li ġej:

“Madanakollu, għas-snin ta' l-inbid 2004/2005, 2005/2006 u 2006/2007, id-data stipulata fl-ewwel subparagrafu hija posposta għall-15 ta' Settembru tas-sena ta' l-inbid sussegwenti.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament japplika mill-15 ta' Lulju 2007.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membre tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).

<sup>(2)</sup> ĠU L 194, 31.7.2000, p. 45. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 897/2007 (ĠU L 196, 28.7.2007, p. 20).